MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 917/2003

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**

**vs**

**Tax Free Services Limited (C 14434)**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi skond ftehim tat-28 ta' Mejju 1996 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. A), is-socjeta' Tax Free Services Limited R.G.M. Commercial Activities Ltd., kellha tbiegh il-prodotti tas-socjeta' attrici imsemmija fil-klawsola 1 tal-istess ftehim mis-Sea Passenger Terminal, Pinto Wharf, Valletta, u in konsiderazzjoni ta' dan is-socjeta' attrici kellha tavvanza lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' sebat elef lira maltija (LM7000), li fil-fatt giet avvanzata lis-socjeta' konvenuta, u liema somma kellha tigi imhallsa

lura billi tigi pacuta ma "discounts" fuq il-prodotti tas-socjeta' attrici kif imsemmi fl-istess skrittura;

Illi t-terminu tal-ftehim beda fl-1 ta' Lulju 1996, u kellu jdum ghal perjodu ta' hames (5) snin, f'liema perjodu s-socjeta' konvenuta kellha thallas lura s-somma avvanzata kif intqal fis-suespost;

Illi fl-iskadenza tal-ftehim, u cioe' fl-1 ta' Lulju, 2001, is-socjeta' konvenuta ma lahqetx skontat is-somma ta' seba' t'elef lira Maltija (Lm7,000) kollha, u kien baqa' bilanc ta' hamest elef sitt mitt lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm5,600.92), u dana kif jirrizulta mill-istatement (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata DOK B), kif ukoll l-imghax fuq l-istess bilanc li sal-1 ta' Settembru, 2003 kien jammonta ghal disa' mija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm972.25), dekorribbli ai termini tal-ftehim de quo;

Illi minhabba l-agir tas-socjeta' konvenuta, il-ftehim de quo ghandu jigi kunsidrat terminat u s-socjeta' konvenuta hija obbligata li thallas lura lis-socjeta' attrici l-imsemmi bilanc ta' hamest elef sitt mitt lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm5,600.92), kif ukoll l-imghax fuq l-istess bilanc li sal-1 ta' Settembru, 2003 kien jammonta ghal disa' mija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm972.25), dekorribbli ai termini tal-ftehim de quo;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, din il- Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta ma ottemperatx ruhha mal-ftehim tat-28 ta' Mejju 1996 (Dok. A);

2. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma obbligati li jhallsu lura u jirrifondu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' hamest elef sitt mitt lria Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm5,600.92), kif ukoll l-imghax fuq l-istess bilanc li sal-1 ta' Settembru, 2003 kien jammonta

ghal disa’ mija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm972.25), dovut kif intqal hawn fuq;

3. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ hames elef sitt mitt lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm5,600.92), kif ukoll l-imghax fuq l-istess bilanc li sal-1 ta’ Settembru, 2003 kien jammonta ghal disa’ mija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm972.25), dovut kif intqal hawn fuq;

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar, 2002, ipprezentata kontra s-socjeta’ konvenuta, u bl-imghax legali ulterjuri sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta’ konvenuta, li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat li s-socjeta konvenuta, debitament notifikata, naqset li tidher u naqset li tippresenta l-eccezzjonijiet taghha;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2004;

Ikkonsidrat:

Peress li mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati, l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:-

Fil-kontumacja tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta ma ottemperatx ruhha mal-ftehim tat-28 ta’ Mejju 1996 u li l-konvenuti huma obbligati li jhallsu lura u lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef sitt mitt lria Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm5,600.92), kif ukoll l-imghax fuq l-istess bilanc li sal-1 ta’ Settembru, 2003 jammonta ghal disa’ mija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm972.25), u konsegwentement tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ hames elef sitt mitt lira Maltija u tnejn u disghin

centezmu (Lm5,600.92), kif ukoll l-imghax fuq l-istess bilanc li sal-1 ta' Settembru, 2003 kien jammonta ghal disa' mija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm972.25), u dana bl-imghaxxijiet kollha legali ulterjuri sad data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------